MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Numru 1245/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Clive Agius ta' 23 sena, bin Simon u Simone nee` Azzopardi, imwieled Pieta` nhar is-26 ta' Marzu 1985, residenti Blk 6, Flat 2, Triq il-Fosos, Floriana, detentur tal-karta tal-identita numru 187685M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Clive Agius :

1. Akkuzat talli nhar il-15 ta' Novembru 2008, fi triq Dun Salv Ciappara, Zebbug, f'xi hin bejn is-1.00pn u s-2.00pm, ikkommetta serq ta' flus u dokumenti minn vettura ta' ghamla Mazda 626 bin-numru ta' registrazzjoni

CAM526 ghad-detriment ta’ Joseph Mizzi minn Haz-Zebbug Malta u/jew persuni ohra;  liema serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli gewwa Triq San Bartilmew, Qormi nhar il-15 ta’ Novembru, 2008 ghal habta tas-2.00pm, ikkommetta serq ta’ 1,500 euro minn ATM tal-BOV ghazd-detriment tal-istess Joseph Zammit u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-232.94 eur izda li ma jaccedix 2,329.37 euro**;**

3. U aktar talli gewwa Triq Sant’ Anna, Furjana nahr il-15 ta’ Novembru 2008 ghal habta ta’ 2.08pm bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravate bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-232.94 euro izda ma jaccedix 2,329.37 euro;

U aktar talli kiser il-probation taht l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati taht l-istess artikolu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata mill-imputat wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat il-kunens tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Dicembru, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat izda ma tistax tinjora l-fedina penali tieghu u l-fatt illi ghalkemm il-Qorti tghat diversi opportunitajiet lill-imputat sabiex jirriforma ruhu, l-imputat madanakollu baqa' fit-triq il-hazina x'aktarx minhabba l-vizzju tieghu tad-droga.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li l-artikoli 17(b), 17(h), 48A, 261(g)(b)(c)(e), 267, 263, 269, 271, 281 u 31 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal-perjodu ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha sabiex jibsa jsegwi program ghar-rijabilitazzjoni mid-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------